# Il-barranin li jitgħallmu l-Malti

Dr Jacqueline Żammit

Ġieli ltqajtu ma' persuni mhux Maltin li tgħallmu jikkomunikaw bil-Malti? Nafu li mhux faċli, iżda jien bħala għalliema tal-Malti lill-barranin iltqajt ma' xi wħud, kemm żgħar kif ukoll kbar, li tgħallmu l-Malti tajjeb ħafna. Se nlaqqagħkom ma' ftit minnhom.

Fost l-adulti li tgħallmu l-Malti kważi nofshom kellhom relazzjoni ma' Malti jew Maltija. Għalkemm uħud minn dawn ibbenefikaw mir-relazzjoni tagħhom ma' xi ħadd Malti biex jitgħallmu l-lingwa tagħna, kien hemm min iltaqa' ma' bosta inkonvenjenzi u sfidi li se nsemmi hawn taħt.

**L-iżbalji jeffettwaw ir-relazzjoni**

Nibda b'tabib Sqalli li minkejja l-għarfien limitat tiegħu tal-lingwa Maltija u l-kuntesti kulturali, huwa spjega kemm qed jiggwadanja mill-fatt li l-għarusa tiegħu hi Maltija. Huwa kkummenta li meta beda jitgħallem il-Malti, l-iżbalji li kien jieħu fit-taħdit tiegħu bil-Malti affettwaw saħansitra r-relazzjoni li kellu. Bosta drabi, kien jinftiehem ħażin minħabba l-vokabularju limitat tiegħu u l-fatt li kien iħawwad il-kliem.

Meta beda jitgħallem il-Malti, kien iħossu xortih tajba li qed joħroġ ma' tfajla Maltija għax basar li se jitgħallem ħafna kliem bil-Malti mingħandha. Tassew li mingħandha tgħallem ħafna vokabularju li għandu x'jaqsam mal-ikel, il-kultura, il-politika, l-għamara u l-kmamar tad-dar, u l-istorja, fost oħrajn. Minkejja dan kollu, it-tabib Sqalli ammetta li ma kinitx l-ewwel darba li żbalja bil-Malti u dan wasslu għal ħafna problemi mat-tfajla tiegħu. Pereżempju, xi snin ilu, meta ma kienx hawn l-użu tal-mowbajl u mezzi teknoloġiċi oħra, fil-bidu tat-tagħlim tiegħu tal-Malti, kellu ħabta jħawwad il-jum 'il-Ħadd' mal-avverbju 'għada'. Huwa spjega li ma kinitx l-ewwel darba li meta kien jgħid lit-tfajla tiegħu "Mela issa niltaqgħu għada!", l-għada, it-tfajla tiegħu kienet tmur tistennieh fil-post li jsemmilha imma hu ma kienx jiġi, għax kien irid ifisser li se jiltaqa' magħha l-Ħadd minflok il-jum ta' wara. B'hekk, tista' tobsor kemm kienet tkun iddiżappuntata din il-povra tfajla!

**Opportunità li jitkellmu bil-Malti**

Nista' nifhem id-diffikultajiet li jħabbtu wiċċhom magħhom dawn l-istudenti adulti tal-Malti bħala lingwa barranija (MLB) fir-relazzjonijiet tagħhom waqt li jkunu qed jippruvaw jitkellmu bil-Malti mas-sieħeb/sieħba tagħhom. Parteċipant mill-Estonja ammetta li ma kienx kuntent meta f'ċerti kuntesti martu kienet titħaddet bil-Malti minfloku. B'hekk ma kienx ikollu l-opportunità biex jitkellem bil-Malti peress li martu, li hi Maltija, kienet, ngħidu aħna, tordna l-ikel għalihom it-tnejn f'restorant; tixtri l-frott u l-ħaxix mingħand sid it-trakk li jipparkja biswit darhom; u titkellem ma' plammers, mastrudaxxi, elettrixins, bajjada, bennejja, ħaddieda u l-bqija tal-ħaddiema domestiċi. Għaldaqstant, dan il-parteċipant kien iħoss li martu, bla ma trid, kienet qed tnaqqaslu l-opportunitajiet biex jipprattika l-Malti.

**Il-Malti bħala Lingwa Barranija (MLB)**

Parteċipant ieħor, skrivan Taljan, ma ħassux komdu li jqis lill-għarusa tiegħu bħala l-għalliema tiegħu. Il-parteċipanta Olandiża li kienet segretarja, iltaqgħet ukoll mal-problema li l-għarus tagħha ma kienx jgħinha titgħallem il-Malti. Hija argumentat li l-għarus tagħha ma kellux il-paċenzja jgħallimha l-Malti u ssuġġerilha tattendi kors tal-MLB minflok jgħallimha hu.



Il-fatt li lill-barranin tkellimhom bil-ilsien tiegħek jgħinhom biex jitgħallmu l-lingwa aktar malajr

Parteċipanta oħra, segretarja Ingliża, ammettiet li kienet dejjem titkellem ma' żewġha bl-Ingliż minflok bil-Malti għax żewġha ma ridhiex titgħallem il-Malti, u għaldaqstant kellha tattendi kors tal-MLB. Barra minn hekk spjegat li l-entużjażmu tagħha biex titgħallem il-Malti ħafna drabi kkawża problemi bejnha u r-raġel, peress li żewġha għamlilhielha ċara daqs il-kristall li mhuwiex għalliem tal-lingwa Maltija. Barra minn hekk, skont żewġha, ma kinitx teħtieġ titgħallem il-Malti għax mhuwiex xi ħaġa importanti biex titgħallmu peress li tista' titkellem bil-Malti f'Malta biss. Ta' sikwit, żewġha kien itennilha li l-Maltin jafu jitkellmu bl-Ingliż u b'hekk ma kellhiex bżonn titgħallem il-Malti. Għalhekk kien iqis it-tagħlim tal-Malti bħala ħela ta' ħin!

**Diżappunti**

Inġiniera Ġermaniża wkoll iddiskutiet il-problema tagħha tan-nuqqas t'għajnuna mill-għarus tagħha li hu għalliem tal-Malti. L-għarus tagħha kellu ħabta jidħak biha meta tgħid xi kelma bil-Malti minħabba pronunzja stramba jew għax tgħid xi kelma li ma teżistix fil-Malti, jew grammatikalment żbaljata; jew tiżbalja fl-ordni tal-kliem fis-sentenza li tuża. Iddiżappuntajt ruħi nisma' dan, minħabba li tabilħaqq li ħsibt li l-fatt li dawn l-istudenti għandhom relazzjoni ma' xi ħadd Malti, kellhom aktar ċans jitgħallmu l-Malti mill-istudenti l-oħra li ma kellhomx. Tabilħaqq li dan il-ħsieb partikolari għarrali bl-ikrah u qatt ma bsart li dawn il-parteċipanti ma kinux esposti għall-Malti għalkemm kellhom sieħeb/sieħba Malti/Maltija; u kellhom jirrikorru għal-lezzjonijiet tal-MLB. Wara li dawn il-parteċipanti tgħallmu l-Malti u kisbu livell tajjeb tal-Malti (Livell Intermedju - MQF2), ħassewhom aktar kunfidenti biex jitkellmu bil-Malti, u bdew jitkellmu bil-Malti mas-sieħeb/sieħba tagħhom. Fil-fatt, il-parteċipanta Ingliża kkummentat li għalkemm żewġha baqa' jsostni li ma jridx iweġibha bil-Malti, bdiet tieħu gost titkellem bil-Malti mal-klijenti tagħha; u minnufih rrakkomandawha ma' ħbiebhom, ġirien, u qraba, u b'hekk irnexxielha li tgħallmet titkellem bil-Malti, għax issa għandha ħafna xogħol.

**Konklużjoni**

Skont it-teorija tal-Kaos/Kumplessità, differenza insinifikanti fil-bidu tat-tagħlim ta' lingwa tista' twassal għal konsegwenzi drastiċi fil-ġejjieni. Fir-riċerka tiegħi ltqajt ma' studenti adulti tal-MLB li tkellmu bil-Malti u kisbu tweġiba jew kumment pożittiv mingħand xi ħadd Malti. Fil-fatt, aktar ma l-istudenti jirċievu risposti u kummenti pożittivi mingħand il-Maltin wara li jikkomunikaw magħhom bil-Malti, aktar jitgħallmu l-Malti u jiżviluppaw il-kompetenza tal-lingwa. B'hekk, huwa importanti ħafna għall-istudenti żgħar u adulti li qed jitgħallmu l-MLB, li jkunu kkoreġuti jew li jiksbu xi tip ta' rispons li jinkoraġġihom dwar il-produzzjoni tagħhom bil-Malti kemm fil-klassi kif ukoll f'kuntesti soċjali oħra. Jeħtieġ li l-Maltin jinkoraġġixxu lil min qed jagħmel sforz, kultant kbir, biex jitkellem bil-Malti. Dan għandu jsir, fost oħrajn, billi nkellmuhom bil-Malti.



Meta barrani jkollu relazzjoni lingwistika ma' persuna Maltija, tgħinu biex jitgħallem il-Malti